# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 1750

**Kaz Numru 2376ADeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Patrick Briffa**

**u**

**Nylon Knitting Company Limited**

**dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ingusta**

Illum il-Gimgha 5 ta' Jannar 2007

## 1. Riferenza

Dan il-kaz gie rriferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri fid-9 ta' Gunju 2006.

## 2. Rapprezentanza

Patrick Briffa li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent kien assistit mill-Avukat Andrew Borg-Cardona.

Il-kumpanija *Nylon Knitting Company Limited* li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata kienet irrappreżentata minn Lorraine Aquilina li kienet assistita mill-Avukata Charlotte Camilleri.

## 3. Fatti tal-kaz

Nhar is-26 ta' Marzu 2006 ir-rikorrent, li kien impjegat bhala *Operator* mal-kumpanija intimata, hadem zewg xiftijiet konsekuttivi bis-sahra bejn is-2.00pm. u s-6.00am ta' l-ghada. Il-kumpanija intimata allegat li meta l-*Operator* Roderick Schembri dahal biex jibda x-xift tieghu fl-10.00pm. ir-rikorrent issuggerielu li jwaqqaf it-tkebbib tal-hajt tan-*nylon* fuq l-irkiekel

numru 6 u 10 f'hin biex it-tkebbib nieqes suggerit tar-rukkell numru 6 jigi jaqbel mat-tmiem tat-tkebbib shih ta' l-irkiekel numru 5 u 7 u biex it-tkebbib nieqes suggerit tar-rukkell numru 10 jigi jaqbel mat-tmiem tat-tkebbib shih ta' l-irkiekel numru 11 u 12. Fi ftit kliem biex it-tkebbib taz-zewg serje ta' tliet irkiekel jintemm flimkien f'zewg hinijiet differenti. Minhabba li l-kumpanija intimata allegat li dan kollu gara b'intervent mahsub u dikjarat tar-rikorrent, u minhabba li agir bhal dan li jikkawza prodott difettuz u li jnaqqas l-efficjenza tal-produzzjoni ma jistax ikun ttollerat, i l-kumpanija intimata ddecidiet li ttemm l-impjieg tar-rikorrent.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Ir-rikorrent xehed minn jeddu

4.2 Filippo Consoli u John Pirotta xehdu ghall-kumpanija intimata

4.3 Johan Cardona u Roderick Schembri kienu xhieda komuni

4.4 Martin Said kien mitlub jixhed mit-Tribunal Industrijali biex jaghti spjega dettaljata tad-dokumenti FC1 U FC2

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Il-kumpanija intimata esebiet

5.1.1 l-istqarrija tal-kaz
5.1.2 rapport ta' Anthony Grima datat 12.09.05 immarkat (Dok.4)
5.1.3 rapport ta' Francis Dimech datat 2.12.05 immarkat Dok.5
5.1.4 zewg r apporti tal-produzzjoni datati 26 u 27.03.06 immarkati Dok. FC2 u FC1
5.1.5 rapport ta' Johan Cardona datat 27.03.06 immarkat Dok.2
5.1.6 ittra ta' John Portelli datata 27.03.06 immarkata Dok.3
5.1.7 ittra tar-rikorrent datata 4.04.06 immarkata Dok.1.

5.2 Ir-rikorrent esebixxa l-istqarrija tal-kaz.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 Johan Cardona impjegat bhala *Supervisor* mal-kumpanija intimata, xehed li nhar is-26.03.06 dahal ghax-xift ta' l-10.00pm. Fil-bidu tax-xift ordna lil Roderick Schembri biex jekk ir-rukkell numru 6 jaqta' qabel ma jimtela jgharrfu immedjatament biex ikun jista' jinvestiga l-kawza tal-waqfien. Wara li ghamel it-tieni dawra mad-dipartiment

matul il-lejl mar lura fl-Ufficcju tieghu minn fejn intebah li r-rukkell numru 6 kien waqaf. Johan Cardona mar fil-pront ikellem lil Roderck Schembri dwar dan u kien mgharraf li r-rukkell kien waqaf ghaliex inqata' minn isfel kif allega li kien issuggerilu r-rikorrent fil-bidu tax-xift. Ghall-habta tal-5.30am. ix-xhud induna li r-rukkell numru 10 kien waqaf ukoll. Wara li rega' tkellem ma' Roderick Schembri dan gharrfu li kien waqaf ghaliex bhal ta' qablu nqata' minn isfel kif allega li kien issuggerielu r-rikorrent fil-bidu tax-xift u kif allega li kien rega' qallu bit-telefon biex jaghmel l-istess rikorrent ftit qabel it-tieni qtugh. Roderick Schembri gharraf lil Johan Cardona li din id-darba r-rikorrent kien qallu biex jirregistra li r-rukkell numru 10 nqata' minn fuq u mhux minn isfel kif fil-verita' kien sehh. Izda hu ma riedx jikteb hekk ghaliex kien iwaqqa' l-htija fuqu, u kiteb il-verita'. Johan Cardona kompla jixhed biex jispjega li meta rukkell jinqata' wahdu, it-tarf maqtugh jitkebbeb mas-*shaft* sakemm tieqaf il-magna u per konsegwenza jkun hemm hafna *nylon* imkebbeb li jrid jitnehha qabel ma terga' tibda tithaddem il-magna. Din l-operazzjoni tiehu madwar hames minuti. Meta l-qtugh isir mill-impjegati dawn jaqtghuh minn fuq u ma jkunx hemm hajt imkebbeb max-*shaft* . Ghaldaqstant il-magna terga' tithaddem wara ftit hin, hafna anqas mill-hames minuti msemmija qabel. Minn hekk, meta jkun hemm qtugh, is-*Supervisor* jinduna kif sar il-qtugh u jiehu l-mizuri necessarji. Johan Cardona zied jghid li skond ir-registrazzjoni li saret fid-dokument FC2 l-irkiekel numru 6 u 10 damu ftit hin biss wieqfa u minn dan ikkonkluda li l-qtugh sar b'intervent ta' impjegat li kien fil-pozizzjoni t'isfel. Minkejja l-enfasi waqt il-laqgha li saret ghall-impjegati tad-dipartiment tal-produzzjoni ftit tal-granet qabel, hadd mill-impjegati li kienu isfel ma gharrfu li l-irkiekel numru 6 u 10 kienu qatghu. Dan in-nuqqas tellfu milli jinvestiga l-qtugh biex jiskopri kif sehh.

6.2 Filippo Consoli, impjegat bhala Kap tad-Dipartiment tal-Produzzjoni mal-kumpanija intimata, xehed fid-dettal dwar il-process tat-tkebbib ta' l-irkiekel u l-effett li rkiekel mkebbin bin-nieqes ghandhom fuq l-istadji tal-process li jigu wara. Hu zied jghid li ripetutament kien jgharraf lill-impjegati biex jevitaw kull qtugh intenzjonat ta' l-irkiekel minhabba r-raguni msemmija. Filippo Consoli kompla jghid li l-ahhar laqgha dwar is-suggett saret ftit granet qabel l-incident tas-26.03.06. Filippo Consoli kompla li minkejja li waqt il-laqgha fl-Ufficcju ta' John Pirotta l-ghada ta' l-incident hu staqsa lir-rikorrent darbtejn biex jispjegalu x'gara, dan ma wiegeb xejn. Ftit tal-jiem wara din il-laqgha, meta r-rikorrent mar fil-fabbrika kif kien ordnat jaghmel biex jirritorna c-cwievet tal-*locker,* hu rega' staqsieh dwar l-incident. Din id-darba r-rikorrent wiegbu "U ma tafx kif nirraguna jien kulltant". Filippo Consoli ta spjega dwar l-indikazzjonijiet li johorgu mir-registrazzjoni li ssir meta jieqaf it-tkebbib ta' l-irkiekel,

kemm meta dawn jieqfu ghax jimtlew u kemm meta dawn ikunu nqatghu. Filippo Consoli temm ix-xhieda tieghu billi kkonferma li minn meta ntemm l-impjieg tar-rikorrent ma kien hemm ebda qtugh li ngieb ghall-attenzjoni tieghu u li l-produzzjoni zdiedet bi 3%.

6.3 John Pirotta *ex-Personnel Manager* mal-kumpanija intimata, ikkonferma li meta sehh l-incident in kwistjoni hu kien ghadu impjegat mal-kumpanija intimata. John Pirotta xehed li nhar is-27.03.06 ircieva rapport dwar allegat qtugh ta' zewg irkiekel mir-rikorrent qabel ma mtlew u wara li tkellem mar-rapprezentanti tal-*Management* kien deciz li, fid-dawl ta' l-avviz li kien inghata lill-impjegati kollha mad-dipartiment tal-produzzjoni u wkoll fid-dawl tar-rapport tas-*Supervisor* Johan Cardona, ir-rikorrent ghandu jitkecca mill-impjieg. Minhabba l-gravita' tad-decizjoni hu organizza laqgha bejn rapprezentanti tal-kumpanija intimata, ir-rikorrent u r-rapprezentanti trejdjunjonistici. Mistoqsi minn Filippo Consoli waqt il-laqgha biex jispjega x'kien gara fuq iz-zewg irkiekel numru 6 u 10 nhar is-26.03.06, ir-rikorrent baqa' bi tbissima fuq wiccu u ma wiegeb xejn. Fi tmiem il-laqgha x-xhud ta l-ittra tat-temm ta' l-impjieg, ppreparata bit-data ta' l-istess jum tal-laqgha, lir-rikorrent. Ix-xhud kompla jghid li ftit granet wara l-incident fuq talba ta' Filippo Consoli, r-rikorrent kien mitlub jikkunsinna lura c-cwievet tal-*locker*. Dak in-nhar li r-rikorrent ikkunsinna c-cwievet, Filippo Consoli ghaddielu ittra li rcieva minghand ir-rikorrent indirizzata lill-General Manager. John Pirotta zied jghid li fl-imghoddi r-rikorrent kien inghata diversi twiddibiet u kien anki tkecca mill-impjieg. Hu kien iddahhal lura fuq talba ghal klemenza tal-*General Workers' Union*.

6.4 Roderick Schembri impjegat bhala *Operator,* xehed li nhar is-26.03.06 meta dahal ghax-xift tieghu fl-10.00pm. mar fuqu r-rikorrent u qallu li xtaq jaqta' l-irkiekel numru 6 u 10 qabel ma jimtlew. Ftit tal-hin wara kellmu Johan Cardona u wara li gharrfu li r-rukkell numru 6 kien issewwa ordnali biex jghidlu minnufih jekk dan jaqta' qabel ma jimtela. Ghadda ftit tal-hin iehor u b'telefonata minn isfel ir-rikorrent talbu biex jaqta' l-hajta tar-rukkell numru 6. Roderick Schembri rrifjuta jaghmel kif kien mitlub, izda ftit tal-hin wara l-hajta tar-rukkell numru 6 inqatghet minn isfel. Ix-xhud qal li ma gharrafx lis-*Supervisor* b'dak li gara ghaliex ma riedx ikollu xi jghid mar-rikorrent. Izda fil-pront Johan Cardona wasal fuqu u ried ikun jaf ghaliex ma gharrfux li r-rukkell numru 6 kien qata'. Ix-xhud spjegalu dak li ried ikun jaf. Wara li ghadda aktar hin il-hajta tar-rukkell numru 10 inqatghet ukoll minn isfel u dlonk cempillu r-rikorrent. Dan qallu biex jirregistra bil-kitba li r-rukkelll numru 10 qata' minn fuq. Ix-xhud ikkonferma li hu rregistra l-verita' u meta kien mistoqsi mis-*Supervisor* qallu kollox. Roderick Schembri temm jghid li minn meta

ntemm l-impjieg tar-rikorrent, fix-xift tieghu qatt ma' kien hemm aktar qtugh minn impjegati.

6.5 Patrick Briffa, ir-rikorrent xehed li nhar is-26.03.06 hu kien accetta li jahdem zewg xiftijiet konsekuttivi bis-sahra, dak in-nhar postu kien fuq in-naha t'isfel tal-magni flimkien ma' *Operator* iehor li kellu anqas esperjenza minnu. Patrick Briffa cahad li fil-bidu tax-xift jew f'xi hin iehor kien ghamel suggeriment lil Roderick Schembri biex jinqatghu l-irkiekel numru 6 u 10 biex il-hin tal-waqfien tar-rukkell numru 6 jigi jaqbel ma' dak ta' l-irkiekel numru 5 u 7 u l-hin tal-waqfien tar-rukkell numru 10 jigi jaqbel ma' dak ta' l-irkiekel numru 11 u 12 rispettivament. Patrick Briffa kompla jghid li ghalkemm naqas li jgharraf lis-*Supervisor* li r-rukkell numru 6 kien inqata', dan gara minhabba li n-nuqqas ta' esperjenza ta' l-*Operator* li kellu mieghu wassal biex inqabdu b'hafna xoghol. Patrick Briffa kkonferma li waqt il-laqgha bejn ir-rapprezentanti tal-kumpanija u l-Union hu ma ammettiex li qata' l-hajt tan-*nylon* fuq xi rukkell u zied jghid li fi tmiem il-laqgha nghata ittra li kienet lesta. Din l-ittra kienet tikkonfema dak li qallu bil-fomm John Pirotta qabel il-laqgha li l-impjieg tieghu kien intemm b'effett immedjat. Patrick Briffa temm ix-xhieda tieghu billi qal li l-ittra indirizzata lill-*General Manager* kitibha bil-hsieb li d-decizjoni dwar it-tkeccija tieghu tkun ikkonsidrata mill-gdid. Patrick Briffa zied jghid li d-diskors li kiteb fl-ittra fein qal "*What I did was stupid, irresponsible, even madness comes into it*" kien jirreferi biss ghan-nuqqas tieghu li jgharraf lis-*Supervisor* dwar il-qtugh tar-rukkell numru 6.

6.6 Martin Said, impjegat bhala *Production Manager* tal-kumpanija intimata, ghamel spjega dettaljata tat-tfassil tal-formula u l-kitba li tidher fid-dokumenti immarkati FC1 U FC2 bit-titlu *"PRODUCTION REPORT SPINNING"*.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz il-kumpanija intimata strahet fuq

7.1.1 Id-dikjarazzjoni bil-fomm li r-rikorrent allegatament ghamel lil Roderick Schembri fil-bidu tax-xift meta ssuggerixxa li jinqatghu l-ikiekel numru 6 u 10 qabel jimtlew

7.1.2 Id-dikjarazzjoni bil-fomm li r-rikorrent allegatament ghamel lil Filippo Consoli meta mar fil-fabbrika biex jikkonsinna c-cwievet u qal "U ma tafx kif nirraguna jien kulltant"

7.1.3 Id-dikjarazzjoni li r-rikorrent kiteb fid-dokument immarkat Dok.1 li l-istess kumpanija intimata interpretat bhala ammissjoni ta' htija gravi u li fil-gudizzju taghha ma setghetx tkun interpretata, kif xehed ir-rikorrent, li hu kiteb hekk ghaliex minhabba li nqabad b'hafna xoghol nesa jgharraf lil Johan Cardona li l-irkiekel numru 6 u 10 kienu qatghu

7.1.4 Il-fatti mhux kontestati li sehhu matul ix-xift li beda fl-10.00pm. meta l-irkiekel numru 6 u 10 qatghu minn isfel kif kien irregistrat fid-dokumenti rilevanti u kif kien allegat li ssuggerixxa li jsir ir-rikorrent

7.1.5 Il-fatt li fiz-zewg okkazjonijiet ta' qtugh qabel il-hin ta' l-irkiekel numru 6 u 10 minhabba li Johan Cardona ma kienx mgharraf intilfet okkazjoni li tkun investigata r-raguni tal-qtugh.

7.1.6 Il-kumplament tax-xhieda rilevanti ta' Roderick Schembri, Johan Cardona u Filippo Consoli

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Andrew Borg Cardona f'isem ir-rikorrent argumenta li

7.2.1 L-process ta' dixxiplina intern kien wiehed nieqes minn sensitivita' ghal pretensjoni valida' ta' l-impjegati ghal smigh xieraq.

7.2.2 Hadd ma ra lir-rikorrent jaqta' l-hajt ta' l-irkiekel numru 6 u 10 u aktar minn hekk il-kumpanija intimata ma tat ebda spjega tal-mottiv tar-rikorrent biex jaghmel dak li kien akkuzat bih

7.2.3 Kien fatt maghruf lill-kumpanija intimata li r-rukkell numru 6 kien difettuz ghaliex fil-bidu tax-xift ta' l-10.00pm. Johan Cardona kien gharraf lil Roderick Schembri li fuq dan ir-rukkell kienu saru xi tiswijiet u ordnalu biex jgharrfu fil-pront jekk jaqta' qabel ma jimtela

7.2.4 Kien ukoll fatt maghruf lil kullhadd li waqt it-tkebbib, f'certu cirkostanzi ambjentali, il-hajt tan-*nylon* gie li nqata' wahdu

7.2.5 L-allegati dikjarazzjonijiet tar-rikorrent lil Roderick Schembri kemm fil-bidu tax-xift u kemm waqt ix-xift ma kienux ikkorroborati minn xhieda ohra

7.2.6 Kuntrarju ghall-konkluzjoni li ghamlet il-kumpanija intimata, is-skiet tar-rikorrent waqt is-smigh dixxiplinarju jista' jitqies biss bhala cahda ta' l-akkuzi kontrieh

7.2.7 Ghalkemm il-kitba tghid il-kuntrarju, dak li kiteb ir-rikorrent fid-dokument immarkat Dok.1 huwa fl-ewwel kaz talba ghal konsiderazzjoni mill-gdid tad-decizjoni tat-temm ta' l-impjieg u fit-tieni kaz huwa ammissjoni biss tan-nuqqas ta' taghrif dwar il-qtugh lil Johan Cardona, u mhux ammissjoni ta' htija ghall-akkuza li qata' l-hajt tan-*nylon* fuq l-irkiekel numru 6 u 10 qabel ma mtlew

7.2.8 Anki kieku wiehed kellu jsib lir-rikorrent hati ta' l-akkuzi kontrieh, il-konsegwenzi li rrizultaw mill-qtugh taz-zewg irkiekel kienu tant minimi ghall-kumpanija intimata li l-htija ma timmeritax piena ta' temm ta' l-impjieg

## 8. Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Fit-trattazzjoni tieghu l-Avukat abbli tar-rikorrent ghamel zewg enfasi fuq il-provi li ngiebu mill-kumpanija intimata, u f'kaz minnhom fuq in-nuqqas ta' prova. F'hin minnhom qal li hadd ma ra lir-rikorrent jaqta' l-hajt tan-*nylon* u f'hin iehor qal li l-kumpanija intimata naqset li tipprova l-mottiv tar-rikorrent. Waqt it-trattazzjonijiet ewlenija u dik ulterjuri l-Avukat tar-rikorrent fahhar l-onesta' tax-xhieda ta' l-impjegati tal-kumpanija intimata.

Minhabba li huwa minnu li hadd ma ra lir-rikorrent jaqta' l-hajt ta' l-irkiekel numru 6 u 10 u wkoll minhabba n-nuqqas ta' prova dwar il-mottiv, it-Tribunal Industrijali kien kostrett jezamina u jgharbel bir-reqqa kollha dak kollu li jirrizulta mix-xhieda u mid-dokumenti pprezentati waqt is-smigh.

Ir-registrazzjoni tat-tkebbib tan-*nylon* li saret nhar is 26.03.06 fuq id-dokumenti FC2 u FC1 turi li matul ix-xift li beda fl-10.00pm. l-irkiekel numru 5, 6 u 7 waqfu flimkien fil-11.30pm. u l-irkiekel numru 10, 11 u 12 waqfu wkoll flimkien fis-2.30am. matul l-istess lejl. Ir-registrazzjoni fuq id-dokumenti li ghalihom saret riferenza jikkonfermaw li l-qtugh ta' l-irkiekel numru 6 u 10 sehh fin-naha t'isfel ta' l-impjant fejn kien allokat jahdem ir-rikorrent. Ix-xhieda ta' Roderick Schembri dwar l-allegat suggeriment li ghamillu Patrick Briffa fil-jum ta' l-incident ghall-habta ta' l-10.00pm. biex jinqatghu l-irkiekel numru 6 u 10 kienet konsistenti mar-registrazzjoni fl-imsemmija dokumenti. Minbarra hekk f'dak li hu rilevanti ghal dan il-kaz, ix-xhieda ta' Roderick Schembri kienet ikkorroborata mix-xhieda tas-*Supervisor* Johan Cardona. Ghalkemm hadd ma ra lir-rikorrent jaqta' l-irkiekel numru 6 u 10 ir-registrazzjoni w ix-xhieda

ta' dawn iz-zewg impjegati tal-kumpanija intimata kkonvinciet lit-Tribunal Industrijali li l-qtugh taz-zewg irkiekel numru 6 u 10 sar mir-rikorrent konformi mas-suggeriment li ghamel lil Roderick Schembri fil-bidu tax-xift u konformi wkoll ma' l-attentat tar-rikorrent meta, biex jipprova jevita akkuza doppja, mhux biss issuggerixxa lil Roderick Schembri biex jaqta' minn fuq it-tkebbib tar-rukkell numru 10, izda meta dan ta' l-ahhar ma accettax li jaghmel kif issuggerielu, wara li sar il-qtugh ir-rikorrent qal lil Roderick Schembri biex jiffalsifika r-registrazzjoni fuq id-dokument FC1".

Il-kontenut ta' l-ittra tar-rikorrent ma kienx biss talba ghal klemenza, u lanqas ma kien kif xehed hu, ammissjoni biss ghan-nuqqas tieghu li javza lil Johan Cardona dwar il-qtugh ta' l-irkiekel numru 6 u 10. It-Tribunal Industrijali jinterpreta l-kontenut ta' din l-ittra bhala ammissjoni ta' htija gravi aktar minn sempliciment nuqqas ta' komunika. Il-kliem li nkiteb f'din l-ittra ghandu wkoll xebh mill-qrib mad-diskors li Filippo Consoli xehed li r-rikorrent qallu meta mar fil-fabbrika biex jikkonsinna c-cwievet tal-*locker*.

Ghalkemm huwa minnu li l-kumpanija intimata ma tat ebda spjega ghall-mottiv tar-rikorrent biex iwassal zewg serje ta' rkiekel jaqtghu flimkien, f'zewg hinijiet differenti, jirrizulta li anki l-istess rikorrent sab diffikulta' biex isib sens f'dak li ghamel. Dan ghaliex biex jipprova jispjega ghaliex ghamel dak li ghamel huwa uza l-kliem "irresponsabbli" u "genn".

Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali kkonkluda li l-qtugh tan-*nylon* fuq l-irkiekel numru 6 nhar is-26.03.06 u tan-numru 10 matul il-lejl bejn is-26 u s-27.03.06 qabel ma dawn imtlew, ma kienx incidentali u sar mir-rikorrent.

Ghalkemm waqt is-smigh tal-kaz saret kritika ripetuta dwar il-process li wzat il-kumpanija intimata biex tamministra dan il-kaz tad-dixxiplina, ma ngiebet ebda prova quddiem it-Tribunal Industrijali li turi jekk il-process ta' dixxiplina kienx skond xi ftehim li jezisti bejn il-kumpanija intimata u l-Union. Ghaldaqstant it-Tribunal Industrijali ma setax jezamina jekk il-process kienx konformi mal-procedura stabbilita.

Izda jekk ma' kien hemm ebda difett fil-process uzat fl-amministrazzjoni ta' dan il-kaz, il-kumpanija intimata ghandha taghti harsa mill-gdid lejn il-process u tistabbilixxi wiehed li jinkludi aktar sensitivita' ghal pretensjoni valida ta' l-impjegati ghal smigh xieraq.

**9. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jiddeciedi li t-temm ta' l-impjieg ta' Patrick Briffa kien ghal raguni tajba u minhabba li offiza li ssir bi hsieb u li tirrizulta fi tfixkil tal-produzzjoni hi ta' natura gravi, ir-raguni ghat-temm ta' l-impjeg hi wkoll sufficjenti skond il-Ligi.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40).

B'hekk tintemm din it-tilwima tax-xoghol.

**(ft) Anthony DeGiovanni**
**Chairman**

**VERA KOPJA**

**Monica Seychell**
**A/Segretarja**